**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru : 490/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**AM**

**Vs**

**JB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AM, datat l-1 ta' Novembru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja nhar is-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (1992) – certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieled wild wiehed, SM, li huwa maggorenni.*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) in atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa – kopja annessa u mmarkata Dok 'B' – izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin.*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Inoltre, qed jigi konfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent, AM, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara z-zwieg tieghu minn mal-intimata, Josephine sive Josette Briffa, bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi zmien hekk akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi;*

*U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-att promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AM** xehed viva voce a fol 16 et seqq., illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Gunju 1992 u kienu ottjenew separazzjoni legali fil-15 t'Ottubru 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehed illi minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed, li llum il-gurnata huwa maggorenni. Xehed

illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**JB** xehdet a fol 19 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn AM.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt datat 15 t’Ottubru 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa – vide Dok B a fol 4, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba’ snin.

Jirrizulta ukoll m’hemmx pendenzi rigward hlas ta’ manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti rat il-verbal tal-attur datat 3 ta’ Dicembru 2018, a fol 14 fejn kien dispost jhallas l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.**

**Bl-ispejjes kontra l-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**